# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Nru. 314

KAZ NRU. 430

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mrs. Thelma Gera

u

S. Mifsud & Sons Ltd

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Data: 2 ta' Settembru, 1988

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

1. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie mibghut quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fl-24 ta' Marzu, 1987, skond il-provvedimenti tal-Artikolu 28(2) tal-Att XXX ta' 1976, wara talba bil-miktub minn Mrs. Thelma Gera datata 7 ta' Frar, 1987.

It-Tribunal Industrijali zamm erbgha (4) laqghat, li fihom semgha x-xhieda prodotti miz-zewg nahat u ttratta l-kaz.

L-appellanta Thelma Gera kienet assistita mis-sur Maurice L. Petrococchino.

S. Mifsud & Sons Limited kienu rapprezentati mis-sur Alfred Mallia Milanes li kien assistit mis-sur Joe Sacco, Executive mal-Kumpanija.

2. STATEMENTS OF CASE

(a) Ghall-appellanta, is-sur Maurice Petrococchino kkontenda li fl-20 ta' Novembru, 1986, Mrs. Gera kienet giet trasferita fl-Atlas Hotel biex taghmel xoghol ta' 'receptionist' b'kundizzjonijiet inferjuri ghall-dawk li kienet ikkuntrattata bihom, u li ghalkemm l-Atlas Hotel kienet ta' l-istess shareholders u kienet taqa' taht l-istess Diretturi, iz-zewg Kumpaniji jigifieri S. Mifsud & Sons Ltd u Nash Ltd. li kienet timmanigja l-Atlas Hotel kienu zewg Kumpaniji guridikament differenti.

Is-sur Petrococchino rretena li anke jekk it-transfer kien legali, l-kondizzjonijiet tax-xoghol fl-Atlas Hotel ma setghux japplikaw ghall Mrs Gera minghajr il-kunsens tad-Direttur tax-Xoghol skond Artikolu 25 (15-17) tal-Conditions of Emplyment Regulation Act. Is-Sur Petrococchino kkontenda li l-kundizzjonijiet tax-xoghol fl-Atlas Hotel fil-kaz ta' l-appellanta kienu jammontaw ghall-ksur tar-regolamenti tal-Wage Regulation Order tal-Lukandi.

Fir-relazzjoni tieghu, is-sur Petrococchino sostna li l-Appellanta kienet obdiet l-ordni li tmur l-Atlas Hotel, hadmet xoghol bix-shift, hadmet fil-festa pubblika ta' Jum ir-Repubblika izda talbet li tinghata btala fil-Gurnata tal-Milied, skond il-kuntratt taghha. Wara li l-appellanta kienet ilha ghal xi gimghat titlob li tkellem lil xi hadd responsabbli, u dan sehh, hija giet mhedda li jekk ma tattendiex ghax-xoghol fil-Milied hija titqies li kienet abbandunat id-doveri taghha.

Finalment, ir-rapprezentant ta' l-appellanta qal li anke jekk Mrs. Gera ghall-grazzja ta' l-argument kellha xi nuqqas ma Nash Ltd (il-Kumpanija li timmanigja l-Atlas Hotel) kellha tkun din il-Kumpanija li tiehu passi dixxiplinarji kontra Mrs. Gera u mhux S. Mifsud & Sons Ltd li skond Mr. Petrococchino ma kelliex tiehu

passi ghall-nuqqasijiet ma kumpanija estranja.

(b) Ghall-Kumpanija, S. Mifsud & Sons Ltd, is-sur Alfred Mallia Milanes irrisponda li Mrs. Gera kienet giet impjegata fil-5 ta' Frar, 1979 bhala Clerk ma' S. Mifsud & Sons Ltd u fil-25 ta' Dicembru, 1986, Mrs. Gera abbandunat l-impieg taghha minghajr avviz. Huwa sostna li hija l-prattika stabbilita, accettata u bzonjuza li l-impjegati jkunu flessibbli fil-qadi ta' dmirijithom skond l-esigenzi u n-natura tax-xoghol. Is-sur Mallia Milanes qal li l-Kumpanija SMS tinhtieg din il-flessibilta ghax in-natura tax-xoghol fis-settur turistiku jkopri u jinfirex minn agenzija ta' l-ivjaggar ghal-Lukandi.

Huwa qal li kienet il-prattika kostanti u accettata mill-impjegati kollha ta' S Mifsud & Sons Ltd li jistghu jiccaqalqu minn post ghall-iehor skond l-esigenzi tax-xoghol f'dawk l-azjendi li SMS huma shareholders.

F'Novembru 1986, l-appellanta kienet giet mitluba u accettat timla temporarjament post ta' receptionist fl-Atlas Hotel li hija kumpanija assocjata ma S Mifsud & Sons Ltd. Is-sur Mallia Milanes qal li Mrs. Gera kienet taf li fi spazju ta xahar l-Atlas Hotel kellha taghlaq ghall-xoghol ta' kostruzzjoni u li kienet taf ukoll li x-xoghol taghha li kien temporanju kellu jsegwi x-schedule tal-Hotel, mifruxa fuq 40 siegha fil-gimgha. Huwa qal li xi granet qabel il-Milied, Mrs. Gera ilmentat li ma xtaqietx tidhol ghax-xoghol fil-Milied, izda l-esigenzi tax-xoghol ma ppermettewx li jsir tibdil fir-roster. Wara kollox, is-sur Milanes ikkontenda, minn jahdem fil-Milied ikun frank fl-ewwel tas-sena.

Minkejja li d-direttur koncernat ghamilha cara u bil-miktub f'ittra mghotija bl-idejn lill-Mrs. Gera li jekk tonqos li tidhol ghax-xoghol fil-Milied hija tkun meqjusa li abbandunat ix-xoghol

taghha Mrs. Gera sfidat d-direttiva u bla ebda avviz hija hadet ir-rigni f'idejha u bl-aktar mod irresponsabbli ma dahlitx ghax-xoghol fil-gurnata tal-Milied. Is-sur Mallia Milanes sostna li dan l-agir minn naha ta' Mrs. Gera kien premeditat ghax hija kienet thallset is-salarju ta' Dicembru, il-bonus statutorju tal-Gvern, kif ukoll il-bonus specjali mghoti mill-kumpanija biex b' hekk setghet titlaq mill-impieg minghajr ma tghati l-avviz mehtieg.

Ir-rapprezentant tal-kumpanija kkontenda li dan ma kien xejn aktar minn attentat min Mrs. Gera biex ticcansja x'tista' tahtaf mill-kumpanija u ghalhekk talab lit-Tribunal biex jirrifjuta t-talbiet kollha ta' l-appellanta u jilqa t-tezi tal-Kumpanija li Mrs. Gera abbandunat l-impieg taghha.

3. <u>XHIEDA</u>

(a) <u>Prodotti mill-Appellanta</u> (kif dehru)

Is-Sur Arthur Miceli - Administrative Officer - Labour Office

Is-Sur Alfred Mizzi - Accounts Clerk - SMS

Is-Sinjura Thelma Gera - Appellanta

(b) <u>Prodotti mill-Kumpanija</u> (kif dehru)

Is-Sur Lino Vassallo - Agency Clerk - SMS

Is-Sur Joe Sacco - Executive - SMS

(c) <u>Prodotti miz-zewg nahat</u> (Kif dehru)

Is-Sur Eddie Magri - Direttur - SMS

Is-Sur Ray Gerada - Manager Atlas Hotel

(d) <u>Prodotti mit-Tribunal</u>

Is-Sur Neville Mifsud - Direttur - SMS

4. <u>SOTTOMISSJONIJIET FINALI</u>

Iz-zewg partijiet fis-sottomissjonijiet finali regghu tennew l-argumenti originali fli statements of case rispettivi izda ziedu u fethu b'argumenti kemm minn dak li rrizulta fis-smiegh tax-xhieda kif ukoll billi kkwotaw minn awards precedenti. Is-sur Petrococchino sostna li kien hemm kontradizzjonijiet fix-xhieda ta' membri tal-Kumpanija.

Reggha ghall-darba ohra rrepeta l-argument li kien irregolari u jew illegali li Mrs. Gera giet trasferita ghall-kumpanija ohra li skond is-sur Petrococchino kellha personalita guridika differenti minn S. Mifsud & Sons Ltd li Mrs. Gera kienet ikkuntrattata maghha. Is-Sur Petrococchino rretena li kien illegali li Art 14 tal-Conditions of Emplyment Regulation Act gie injorat billi ma nghatawx dettalji lid-Direttur tax-Xoghol dwar it-transfer ta' Mrs. Gera. Intqal li l-mili tal-Formula Dok 316 kienet qarrieqa ghax din giet mimlija u ffirmata mid-ditta S. Mifsud & Sons Ltd. meta n-nuqqas sar versu Kumpanija separata.

Is-sur Petrococchino qal li d-decizjoni tal-termination of employment ta' Mrs. Gera kienet mghaggla u mehuda fis-sahna tal-mument u rrefera ghall-awards precedenti fejn intqal li decizjoni ta' tkeccija kellu jkun l-ahhar pass wara kunsiderazzjoni serja.

Huwa kkontenda li Mrs. Gera kienet dikjarata anke mill-kumpanija li kellha kondotta tajba u li kienet meqjusa persuna fdata.

Ir-rapprezentant tal-Appellanta sostna li skond Art 25 (15-18) tal-Conditions of Employment Regulation Act, kien jesigi li tibdil fil-Kondizzjonijiet tax-Xoghol kien jehtieg l-approvazzjoni bil-miktub tad-Direttur tax-Xoghol.

..../6

F'dan ir-rigward, is-sur Petrococchino qal li dan it-tibdil kien jinkludi shift work fuq bazi ta 7 tijiem, minflok hinijiet regolari u btala fil-Hdud u l-Festi, hlief f'okkazzjonijiet eccezzjonali.

Is-sur Petrococchino qal li ghalkemm Mrs. Gera obdiet l-ordni u marret l-Atlas Hotel hija giet soggetta taghmel doveri onoruzi, hija giet rifjutata interview ohra meta rat li alavolja kienet hadmet f'Jum ir-Repubblika, hija kellha terga tidhol ghax-xoghol fil-Gurnata tal-Milied, meta mpjegata ohra ghalkemm hadmet fil-Milied ma kinitx hadmet f'Jum ir-Repubblika.

Finalment is-sur Petrococchino talab li ghar-ragunijiet li espona, l-Appellanta ghandha tinghata:

(i) Certifikat ta' clean conduct,

(ii) Hlas tal-overtime kull darba li hadmet aktar minn 7½ sieghat skond Wage Regulation Order Hotels 1975 Part I Reg. (6) (a),

(iii)Paga u bonus tal-gvern ghall-perjodu kollu,

(iv) Bonus specjali li kienet tiehu kieku ma tkeccietx.

Is-sur Mallia Milanes ghall- S Mifsud & Sons irrisponda u sostna li l-kaz kien wiehed ta' Appellanta li bl-aktar mod irresponsabbli abbandunat l-impieg taghha.minghajr avviz u li fl-opinjoni tal-Kumpanija dan il-kaz ma kellux skond l-Industrial Relations Act 1976 jigi referit lit-Tribunal Industrijali ghax ma jikkwalifikax bhala tkeccija mill-impieg.

Is-sur Mallia Milanes kkontenda li Mrs. Gera deherilha wara xahar mid-data tat-tluq taghha tikkontesta punti legali ghax hija ma kellha xejn xtitlef, meta dawn il-punti setghu liberament gew diskussi qabel fid-Dipartiment tax-Xoghol, fejn hu l-uniku post li jigu koperti l-kondizzjonijiet tax-xoghol jekk dawn b'xi mod

.../7

setghu tghawgu xi ftit.

Is-sur Mallia Milanes sostna li Mrs. Gera qatt ma pprotestat meta ntbaghtet l-Atlas Hotel biex tirrilivja lill-kollega ohra halli din ta l-ahhar tiehu l-leave u kienet taf li kienet il-prattika kostanti tal-Kumpanija li f'certi perjodi tas-sena isir caqlieq fli staff biex jigu milhuqa l-esigenzi tax-xoghol u kienet taf ukoll li c-caqlieq taghha kien ghal zmien qasir hafna. Huwa qal li x-xhieda taz-zewg nahat ippruvat li Mrs. Gera ma kkontestax it-talba tal-Kumpanija li tmur l-Atlas Hotel u ghalhekk marret bil-kunsens taghha u tal-partijiet koncernati kollha. Bhala rizultat ta' dan, qal is-sur Mallia Milanes, ma nkissru l-ebda regolamenti tal-Conditions of Employment Regulation Act. Huwa rretena li l-kumpanija S Mifsud & Sons Ltd, hija wahda minn numru ta' kumpaniji ta' l-istess sidien, li ghalihom il-Key word hija s-servizz. Dawn il-Kumpaniji qal is-sur Mallia Milanes huma meqjusa kollha bhala branches f'azjenda wahda ghal skop wiehed li hu t-turizmu.

Barra mill l-impjegati kollha jafu b'dan is-set up u jattwawh anke l-istess kuntratt tax-xoghol jispecifika li l-impjegat jista jigi mghajjat biex jiccaqlaq "At a moment's notice".

Dan qal is-sur Mallia Milanes huwa necessarju fis-settur tat-turizmu fejn il-kompetizzjoni hija sfrenata.

Is-sur Mallia Milanes qal li l-appellanta ma kinitx genwina fil-kaz taghha ghax meta qablilha hija hadmet fil-festi u l-hdud specjalment meta kienet tiggwida tours tal-Kumpanija barra min Malta.

Huwa sostna li hija l-prattika universali fl-Industrial Relations li l-prerogattiva ta meta jittiehed il-leave hija tal-

Kumpanija u diversi TribunaliIndustrijali accennaw fil-passat fuq dan il-punt. Jekk dan ma jsehhx, allura tirrenja l-anarkija. Biex jissostanzja dan l-argument is-sur Mallia Milanes ikkwota minn awards precedenti tat-Tribunal Industrijali.

Is-sur Mallia Milanes kkonkluda li l-provi u l-argumenti kienu f'ghajnejn il-Kumpanija ixaqilbu favur l-istess kumpanija ghax Mrs. Gera naqset b'ghajnejha miftuha quddiem twissija cara tal-konsegwenzi maghzula minna stess.

Huwa tenna t-talba tal-kumpanija biex it-Tribunal jirrifjuta it-talbiet kollha ta' l-Appellanta u tikkonferma t-tezi tal-Kumpanija li Mrs. Gera abbandunat l-impieg taghha.

Fis-sottomissjonijiet supplimentari, is-sur Mallia Milanes irrimarka li fli statement of case, ma kien hemm l-ebda talba mill-appellanta u ma setghetx issir talba f'dan l-istadju, minghajr pregudizzju ghall-bazi tal-Kumpanija li l-kaz ta' Mrs. Gera ma kienx wiehed ta' tkeccija.

5. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL</u>

Dan it-Tribunal Industrijali wara li ezamina x-xhieda kollha u stharreg sewwa li statement of case taz-zewg nahat, kif ukoll is-sottomissjonijiet finali, jidhirlu li ghandu l-ewwel u qabel kollox jaghmel referenza ghar-rimarka dwar jekk hux accettabbli li t-talba jew talbiet ghar-"redress" f'dan il-kaz saru fis-sottomissjonijiet finali.

Apparti mill-fatt li l-process kollu tas-smiegh tal-kaz jinkludi kemm l-Statement of Case kif ukoll is-sottomissjonijiet finali, f'dan il-kaz l-appellanta kienet inkludiet it-talbiet

taghha f'ittra datata 7 ta' Frar, 1987 mibghuta lill-Onorevoli Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali fejn talbet li l-kaz taghha jigi riferit lit-Tribunal Industrijali bhala tkeccija allegata ngusta.

Anke kieku biss il-kaz kien riferit lit-Tribunal Industrijali ghax it-tkeccija kienet allegata li hi ngusta il-provvedimenti tal-Industrial Relations Act 1976 jghati poter lit-Tribunal Industrijali li jiddeciedi. (Artikoli 28 (1), 31(3) u 33(2) ).

Dwar il-meriti tal-kaz, dan it-Tribunal Industrijali jinnota li skond il-kuntratt tax-xoghol ikkuntrattat maghha hija kellha l-obligu li sservi fil-branches ta' S Mifsud & Sons Ltd skond l-esigenzi tas-servizz.

Dan it-Tribunal ma jara l-ebda irregolarita li Mrs. Gera giet mitluba skond il-kuntratt isservi ghal zmien limitat fl-Atlas Hotel, anke jekk dan kien tal-Kumpanija separata izda ta' l-istess shareholders u Board tad-Diretturi.

Dan it-Tribunal ma jistax ikun kontra flessibilta u caqlieq ta' nies meta xoghol f'post jonqos u jkun hemm bzonn ta' nies f'lokal iehor sakemm ma jkunx hemm tnaqqis fil-pagi u fil-kundizzjonijiet.

Ghalkemm f'dan il-kaz wiehed jista jghid li kien hemm il-htiega ta' shift work, il-paga baqghet l-istess, it-trasferiment kien ghall-zmien qasir u determinat u caqlieq bhal dan kien b'konswetudni u bi prattika kostanti accettata mill-impjegati tal-Kumpanija.

Jixtieq izda jirremarka li f'caqlieq ta' din ix-xorta wiehed jistenna li min jigi misluf (loaned) jew trasferit temporanjament ghall zmien qasir u determinat, irid jaggorna ruhu mal-kundizzjonijiet ezistenti fil-post li jkun mibghut fih.

F'dan ir-rigward, wiehed jista' jqis caqlieq ta' staff ta' din ix-xorta specjalment bejn Kumpaniji li jaqaw taht l-istess shareholders u l-istess Bord ta' Diretturi bhala "loan" li ma jirrikjedix la talba u lanqas l-approvazzjoni tad-Direttur tax-Xoghol.

Fil-kaz ta' Mrs. Gera, it-Tribunal ha f'kunsiderazzjoni l-fatt li t-talba kienet dwar tkeccija allegata ngusta kagunata minn insubordinazzjoni dwar gurnata leave u ghaldaqstant huwa tal-fehma li l-allegazzjoni ta' kundizzjonijiet inferjuri tax-xoghol fl-Atlas Hotel ma kinetx ir-raguni li wasslet ghat-terminazzjoni tal-impieg ta' Mrs Gera.

Dan it-Tribunal josserva ukoll li tkun haga flokha jekk il-Kumpanija li tircievi persuna mislufa jew trasferita tinghata wkoll kopja tal-kuntratt tax-xoghol li jkollha il-persuna mislufa mal-parent company.

Dan it-Tribunal josserva wkoll li waqt li Mrs. Gera kellha kuntratt formali tax-xoghol li kien ikopri l-punti essenzjali, dan il-kuntratt ma jinkludix referenza ghall-procedura dixxiplinarja, li permezz taghha l-impjegati jkunu jafu sewwa il-pozizzjoni taghhom meta jonqsu.

Fil-kaz ta' transfer temporanju u / jew "loan" minn kumpanija ghall-ohra, l-onus ta' passi dixxiplinarji meta l-impjegat jonqos u / jew jikkommetti offiza jaqa' taht il-parent company u ghaldaqstant ma kien hemm xejn hazin fil-procedura addottata minn S. Mifsud & Sons Ltd f'dan ir-rigward.

Sa mill-bidu nett, il-Kumpanija kkontendiet li l-kaz ta' Mrs. Gera ma kienx wiehed ta' tkeccija izda abbandun tax-xoghol minn naha ta' l-appellanta.

.../11

Dan it-Tribunal Industrijali stharreg sewwa u fil-fond dan l-argument, izda ma jistax jaqbel mieghu. Fl-ewwel lok jidher car mill-Internal Memo datat 24 ta' Dicembru, 1986 mibghut bl' idejn il-appellanta fuq il-firma tas-sur Neville Mifsud, Direttur tal-Kumpanija li "we shall consider your action as termination of employment on the basis of desertion of your duties".

Fl-opinjoni ta' dan it-Tribunal il-Kumpanija ghandha kull dritt tikkontesta li t-terminazzjoni ta' l-impieg ma kenitx ingusta izda ma tistax tinnega li l-Internal Memo ma kien xejn aktar minn tkeccija kondizzjonata mill-impieg ta' l-appellanta.

Saru referenzi dwar in-nuqqas ta' responsabbilta ta' l-appellanta pero' ftit jidher li nghatat kunsiderazzjoni ghall-element uman.

Dan it-Tribunal huwa sorpriz li f'Kumpanija deskritta bhala paternali kellu jkun hemm dewmien biex it-talba tal-appellanta li tispjega l-pozizzjoni taghha giet milqugha, fattur li setgha kellu effett fuq l-atteggjament tal-partijiet ikkoncernati u l-ezitu finali.

Waqt li dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda ntenzjoni jindahal fit-tmexxija tal-Kumpanija bir-rispett kollu huwa tal-fehma li ma tkunx barra minn lokha kieku decizjoni ta' tkeccija jkollha l-konferma tal-Bord tad-Diretturi fejn dan japplika, specjalment fejn Diretturi jgawdu jew ikunu awtorizati jagixxu fuq bazi individwali fit-tmexxija ta' l-azjenda.

Dan it-Tribunal Industrijali japprezza l-htiega li kumpanija bhal S Mifsud & Sons Ltd li trid tghati servizz fil-qasam turistiku kull gurnata tal-gimgha ma tistax tittolera nuqqas bhal dan, pero'

ma jaqbilx li biex tipprovdi deterrent kontra dan hemm il-htiega li tinvoka l-piena estrema ta' tkeccija jew terminazzjoni tal-impieg f'kazi fejn l-insubordinazzjoni tkun l-ewwel darba, u fejn il-persuna koncernata ma kellha l-ebda nuqqas iehor f'tul ta' servizz li jkopri s-snin.

F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal Industrijali jifhem li S Mifsud & Sons Ltd kellha u ghandha mezzi bizzejjed biex timponi mizuri dixxiplinarji serji u ibsien halli nuqqas bhal dan u ohrajn simili la jkunu nkoragiti u lanqas jigu kommessi.

Waqt li dan it-Tribunal ma jistax jinjora l-awards ta' kazi precedenti ikkwotati miz-zewg partijiet, biex jissupportjaw it-tezi taghhom, jista nadankollu li xi whud minn dawn l-awards iservu ta' ghajnuna fid-deliberazzjonijiet ta dan it-Tribunal fil-kaz prezenti. It-Tribunal izda jixtieq jispjega li l-kazi kwotati u ohrajn ghandhom kull wiehed il-karatteristici u c-cirkostanzi partikolari taghhom li mhux necessarjament jistghu jigu applikati minghajr kunsiderazzjoni tac-cirkostanzi u l-fatti konnessi mal-kaz prezenti.

6. <u>AWARD TAT-TRIBUNAL</u>

Ghaldaqstant f'dawn ic-cirkostanzi meta gie konfermat li l-kondotta ta' Mrs. Thelma Gera kienet tajba u li matul is-7 snin servizz li kienet ilha mal-Kumpanija S Mifsud & Sons Ltd hija qatt ma kellha twissija fuq il-qadi ta' dmirijietha anzi kienet meqjusa f'certi okkazzjonijiet bhala persuna fdata dan it-Tribunal Industrijali huwa fl-obligu li jizen in-nuqqas taghha fil-mizien tal-gustizzja naturali.

Dan it-Tribunal Industrijali waqt li jesprimi ruhu favur mizuri dixxiplinarji jifhem li dawn ghandhom ikunu ekwi mal-offiza.

F'dan ir-rigward dan it-Tribunal jidhirlu li f'dan il-kaz ta' Mrs. Gera, il-piena ma kenitx ekwa mal-offiza, li kienet l-unika wahda li kommettiet l-Appellanta tul is-servizz kollu mal-Kumpanija.

(a) Ghaldaqstant jaqta li t-terminazzjoni tal-impieg ta' Mrs. Gera ma kienx ghal-raguni gustifikata.

(b) Jordna li ghandha tinghata kumpens ta' sitt mitt Lira Maltin (LM600) sa zmien xaghrejn (2) mid-data ta' dan l-award u

(c) Tinghata certifikat nadif tas-servizz taghha mal-Kumpanija, S. Mifsud & Sons Ltd.

Javza liz-zewg partijiet li ghall-finijiet ta' hlas tas-servizz mghoti fis-smiegh ta' dan il-kaz huma regolati u marbuta skond it-termini iffissati mill-Ligi tar-Regolamenti tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, jigifieri erbghin lira (LM40) Maltin lill kull wiehed miz-zewg persuni li dehru ghaz-zewg partijiet.

B'hekk b'din id-decizjoni tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

CARMEL DEBONO
CHAIRMAN

CHARLES CHECUTI
SEGRETARJU

/ms